**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 25 ta' Novembru 2019**

**Talba numru 248/2019SFJ**

***GO p.l.c. (C22334)***
***vs.***
***Charmaine Frendo (144080M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallasha total ta' **elfejn u mitejn u tmintax-il Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€2,218.43)** maqsumin kif ġej:

- Seba' mija u sitta u sittin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€766.66) in konnessjoni ma' servizzi appartenenti l-kont numru 40676793;
- Ħames mija u tnejn u erbgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€542.81) in konnessjoni ma' servizzi appartenenti l-kont numru 40533787;
- Seba' mija u tlieta u għoxrin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€723.54) in konnessjoni ma' servizzi appartenenti l-kont numru 40538406;
- Mija u ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€185.42) in konnessjoni ma' servizzi appartenenti l-kont numru 40648911.

Ra li s-soċjetà attriċi talbet ukoll li l-konvenuta tiġi ikkundannata tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk relattivament għall-ittra uffiċjali numru 1604/17 u bl-imgħaxijiet legali sa mill-20 ta' Ġunju 2017 li hija d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali.

Ra li l-konvenuta ġiet validament innotifikata bl-Avviż tat-Talba fid-19 ta' Settembru 2019 u ra li minkejja li ġiet validament innotifikata, hija ma ppreżentat ebda Risposta u lanqas dehret għas-seduti li nżammu.

Sema' x-xhud, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Novembru 2019.

**Provi ippreżentati**

It-Tribunal ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba u osserva li l-prospetti jaqblu mad-deskrizzjonijiet tal-kontijiet u mal-ammonti mniżżlin fl-Avviż tat-Talba. Inoltre, it-Tribunal ra l-*order forms* annessi u ra li fil-fehma tiegħu, dawn huma konkordanti mal-kontenut tal-Avviż tat-Talba. Id-dokumentazzjoni annessa tikkonferma wkoll li saret ittra uffiċjali u li din kellha riferta pożittiva.

Fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 it-Tribunal sema' x-xhieda ta' Mary Anne Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Camilleri xehdet li l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni kien għadu dovut fis-sens li ma kienu saru ebda pagamenti.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' x-xhud, jidhirlu li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew sodisfaċentement ippruvati.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elfejn u mitejn u tmintax-il Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€2,218.43).

It-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali relattiva u jordna li l-interessi jiġu ikkalkulati sa mill-20 ta' Ġunju 2017, jiġifieri mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**